**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI ISTRUTTORJA**
[FL-ATT DWAR L-ESTRADIZZJONI MSEJĦA L-QORTI RIMANDANTI]

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Mario Cuschieri)**
**(Spett. Robinson Mifsud)**

**Vs**

**Daniel Joe Meli**

**Illum, 12 ta' Mejju 2025**

Il-Qorti,

Rat illi Daniel-Joe Meli, ta' 27 sena, imwieled il-Pietà Malta, nhar l-20 ta' Ġunju 1996 u detentur tal-passaport Malti bin-numru MT175546 u karta tal-Identità Maltija bin-numru 0267796M u jirrisjedi ġewwa Mon Tresor, Triq il-Kapuċċini, Żabbar, ZBR 06, Malta huwa mfittex mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti tal-Amerika, pajjiż speċifikat ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja Nru 276.07 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta għal reati ta' assoċjazzjoni u reati ta' użu mhux dovut tal-kompjuter kif jirriżulta mill-akkużi awtorizzati fit-12 ta' Diċembru 2023 mill-Grand Jury fil-Qorti Distrettwali tad-Distrett tat-Tramuntana ta' Georgia, fil-każ *United States of America vs Daniel Meli* u mill-mandat ta' arrest maħruġ mill-istess Qorti;

Rat l-Awtorità għall-Proċediment kif ukoll l-Iskeda "X" maħruġin mill-Ministru tal-Ġustizzja u r-Riforma fis-Settur tal-Kostruzzjoni data il-5 ta' Frar 2024 ai termini tal-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba għall-Estradizzjoni fir-rigward ta' Daniel Meli maħruġa mill-Awtoritajiet ta' Georgia u tal-Istati Uniti tal-Amerika datata l-4 ta' Jannar 2024;

Rat il-provi miġjuba mill-partijiet;

Rat l-atti proċesswali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Illi l-*iter* ta' dawn il-proċeduri huwa kemxejn singulari u għalhekk ikun utli li qabel ma l-Qorti tinoltra ruħha fuq il-fatti ta' dan il-każ, tispjega x'wassal biex dawn il-proċeduri jerġgħu jinstemgħu minkejja li Daniel-Joe Meli diġà għadda l-proċess ġuridiku relevanti għal din it-talba ta' estradizzjoni u b'sentenza datata t-8 ta' Frar 2024[1] ġie ordnat li Daniel-Joe Meli jinżamm taħt kustodja għall-finijiet ta' treġġigħ lura tiegħu lejn l-Istati Uniti.

Illi l-estradant Daniel-Joe Meli kien tressaq quddiem din il-Qorti diversament ippresjeduta nhar it-8 ta' Frar 2024 fejn hemmhekk huwa ta' l-kunsens inkondizzjonali tiegħu sabiex jiġi estradit lejn l-Istati Uniti u, bl-Ordni mogħtija dakinhar stess, il-Qorti ordnat li l-estradant jinżamm taħt kustodja sakemm ikun qiegħed jistenna li jitreġġa' lura u jiġi estradit. Illi fl-14 ta' Frar 2024 l-estradant appella dak l-Ordni u l-Qorti tal-Appell, b'sentenza erogata nhar is-27 ta' Frar 2024, ċaħdet ir-rikors tal-Appell u kkonfermat l-Ordni appellata.

[1] Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza datata s-27 ta' Frar 2024.

Illi fil-21 ta' Ottubru 2024,[2] madanakollu, il-Kamra tad-Deputati approvat *nem. con*. l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap. 276" liema Att daħal fis-seħħ fil-25 ta' Ottubru 2024.[3] Dan l-Att emenda l-Att dwar l-Estradizzjoni billi, fost l-oħrajn, għamilha mandatorja fuq il-Qorti li twissi lill-estradant li jkun ta l-kunsens tiegħu dwar il-konsegwenzi legali tad-dikjarazzjoni tiegħu kif ukoll billi daħħal is-segwenti *proviso* għall-Artikolu 15(5) tal-Att:

> *"(i) kull persuna li tkun qiegħda tistenna l-estradizzjoni minn Malta fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso wara li tkun iddikjarat li trid titreġġa' lura skont dan is-subartikolu kif kien fis-seħħ meta saret id-dikjarazzjoni tista', minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta'dan l-Att, fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso tippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex titlob l-annullament tal-imsemmija dikjarazzjoni u sabiex titlob l-awtorizzazzjoni sabiex titħalla tikkontesta t-talba għall-estradizzjoni taħt dan l-Att;"*

Illi għalhekk, permezz ta' l-emenda għall-Artikolu 15(5) msemmi, kull persuna li (i) fil-mument li daħal fis-seħħ l-Att XXXV tal-2024 (ii) kienet qed tistenna li tiġi estradita għaliex (iii) tkun tat il-kunsens tagħha quddiem il-Qorti biex tkun estradita, kellha 15-il jum minn meta daħlet fis-seħħ dik l-emenda biex tippreżenta rikors u titlob li l-Ordni ta' estradizzjoni mogħtija validament mill-Qorti tiġi annullata. Inzerta li fil-mument li daħal fis-seħħ l-Att XXXV tal-2024, Daniel-Joe Meli kien jissodisfa dawn l-elementi kumulattivi u filfatt huwa għamel id-debitu rikors entro t-terminu stabbilit mill-leġiżlatur. Jiġi kjarifikat illi fis-seduta tat-8 ta' Frar 2024, din il-Qorti diversament ippresjeduta kienet tat l-informazzjoni neċessarja dwar il-kunsens u l-estradant ta l-kunsens tiegħu, b'mod volontarju, wara li ngħata tali twissija.

[2] Kamra tad-Deputati, Seduta Nru 265, 21 ta' Ottubru 2024.
[3] L-Att XXXV tal-2024.

Illi b'Digriet datat it-12 ta' Novembru 2024, il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet it-talba tiegħu u ordnat li l-proċeduri jintbagħtu lura lil din il-Qorti sabiex jerġa' jibda l-proċess mill-ġdid.

Illi għalhekk, permess tal-imsemmi intervent leġislattiv, l-estradant Daniel-Joe Meli reġa' ngħata l-opportunità li jikkontesta mill-ġdid il-proċeduri ta' estradizzjoni tiegħu minkejja li l-proċeduri ta' estradizzjoni kienu diġa' konklużi u saru *res judicata.*

Illi għalhekk din is-sentenza hija propju l-konklużjoni tat-tieni proċeduri li seħħew mill-ġdid għar-raġunijiet hawn imsemmija.

Ikkonsidrat;

Illi l-estradizzjoni ta' persuna rikjesta hija proċedura fejn Stat, magħruf bħala Stat Rikjedenti, li jkun jaf li persuna mfittxija minnu tinsab fi Stat ieħor, magħruf bħala Stat Rikjest, jiltob lil dak l-Istat Rikjest sabiex iċedi lill-persuna rikjesta u jibgħatha fl-Istat Rikjedenti sabiex jew (i) tiġi ġġudikata fuq allegat twettiq ta' reati mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji ta' dak l-Istat Rikjedenti jew (ii) tiskonta l-piena erogata mill-awtoritajiet ġudizzjarji fil-faċilitajiet korrettivi ta' l-Istat Rikjedenti. Illi jingħad fin-noti aġġornati tal-Professur Mamo illi:[4]

> *"1.(a). The extradition process is predominantly a political process wherein one finds exclusive reliance on the Minister's Authority to Proceed, allowing for commencement of any proceedings before the Court, and the Minister's Order for Return which is necessary for a person's return, notwithstanding any order committing a person to custody to await his return by a court. Indeed, before the Court of Committal, no proceedings can commence and nor can a decision ordering extradition take effect unless the authorisation of the Minister, in the form of the two orders cited, exists."*

[4] Sir Anthony Mamo, Mamo Notes, Aġġornati minn (illum il-Maġistrat) Dr. Donatella Frendo Dimech nhar it-13 ta' Marzu 2016.

Illi filfatt, l-Artikolu 13 tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi ebda proċeduri dwar persuna rikjesta m'għandhom jittieħdu ħlief bis-saħħa ta' ordni tal-Ministru (imsejjħa Awtorità għal proċediment) maħruġ mill-Ministru tal-Ġustizzja fuq talba tal-Istat Rikjedenti.

Illi fil-każ *de quo,* l-Awtorità għall-proċediment kif ukoll l-Iskeda "X" fir-rigward ta' Daniel-Joe Meli ġew iffirmati mill-Ministru tal-Ġustizzja nhar il-5 ta' Frar 2024[5] u għalhekk dawn il-proċeduri jistgħu jitmexxew 'l quddiem a tenur tal-Artikolu 13 tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi di piú, il-Qorti hija wkoll sodisfatta illi l-persuna miġjuba quddiemha hija l-istess persuna hekk rikjesta mill-Istati Uniti u li fil-konfront tagħha nħarġu l-Mandati ta' Arrest suġġetti għal dawn il-proċeduri.[6]

Għalhekk jirriżulta illi l-aspett formali ta' dawn il-proċeduri huwa b'dan sodisfatt u l-Qorti tista' tgħaddi 'l quddiem sabiex teżamina t-talba għall-estradizzjoni aktar fil-fond.

Ikkunsidrat;

Illi din il-preżenti talba għall-estradizzjoni mressqa mill-"*United States District Court for the Northern District of Georgia Atlanta Division*" hija regolata minn diversi strumenti legali kemm lokali kif ukoll internazzjonali.[7]

---

[5] Ara fol. 6 u 7 tal-atti proċesswali.

[6] Illi din l-identifikazzjoni pożittiva saret minn din il-Qorti diversament ippresjeduta nhar it-8 ta' Frar 2024 (ara fol. 3 tal-atti proċesswali) u reġgħet saret mill-ġdid minn din il-Qorti nhar id-19 ta' Frar 2024 (ara fol. 141).

[7] Ara, fost l-oħrajn it-*Trattat ta' Estradizzjoni ffirmat bejn Malta u l-Istati Uniti* nhar it-18 ta' Mejju 2006, *Il-Ftehim dwar l-estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, ppublikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* datat id-19 ta' Lulju 2003 [ĠU OJ L 181, 19.7.2003, p. 27–33], l-*Att Dwar l-Estradizzjoni* [Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta] kif ukoll l-*Ordni dwar l-Estradizzjoni (Stati Uniti ta' l-Amerika)* [L.S. 276.07 tal-Liġijiet ta' Malta].

Illi b'żieda ma dawn l-istrumenti leġislattivi, ġie ritenut fis-sentenza **The Police vs Alberto Samuel Chang Rajii**[8] b'riflessjoni tal- ħsieb espress fis-sentenza **The Police vs Alfred John Gaul**[9], illi:

> *"Maltese Courts have upheld the principle that the rules regarding the admissibility of evidence in extradition proceedings are regulated by the general principles of law of the lex fori."*

Illi għalhekk, fl-eżami tal-provi prodotti miż-żewġ partijiet u tad-difiżi mogħtija lill-persuna rikjesta,[10] il-Qorti mhux biss trid tara illi d-dispożizzjonijiet tat-trattati u liġijiet nostrani jiġu rispettati, iżda trid tara wkoll li l-proċeduri jirrispettaw u jsegwu r-rit proċedurali nostran  sabiex jintlaħaq il-grad tal-prova rikjest.

Illi l-Artikolu 22 tal-Att Dwar l-Estradizzjoni, kif emendat bir-regolament 11 tal-Ordni dwar l-Estradizzjoni (Stati Uniti ta' l-Amerika), jelenka l-elementi neċessarji sabiex dokument ippreżentat minn kwalunkwe parti jkun jista' jitqies bħala prova ammissbli. Illi minn qari tal-varji subartikoli tiegħu, jirriżulta ampju li l-element bażilari biex dokument jitqies li huwa ammissibbli huwa li tali dokument ikun "awtentikat kif imiss".

Illi l-Artikolu 2(2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, kif applikabbli għal dawn il-proċeduri bir-regolament 11 tal-imsemmija Ordni, jfisser il-kliem "awtentikat kif imiss" bħala:

> *"(2) Dokument għandu jitqies li jkun ġie awtentikat kif imiss   għall-fini ta' dan l-artikolu jekk ikollu ċ-ċertifikat jew is-siġill tad-Dipartiment tal-Ġustizzja u tal-Ministeru jew Dipartiment responsabbli   għall-Affarijiet Barranin ta' l-Istati Uniti u dan jintlaqa' bi prova fi proċedimenti taħt l-Att rilevanti mingħajr ebda ċertifikazzjoni, awtentikazzjoni jew legalizzazzjoni oħra ulterjuri."*

---

[8] **The Police vs Alberto Samuel Chang Rajii**, Qorti tal-Maġistrati, 7 ta' April 2017
[9] **The Police vs Alfred John Gaul**, Qorti tal-Maġistrati, 16 ta' Lulju 1981.
[10] Fosthom insibu *rule of speciality*, *double criminality*, *ne bis in idem*, u *rule of nationality* fost l-oħrajn.

Illi dawn m'huwiex l-uniku mod kif dokument jista' jitqies li huwa "awtentikat kif imiss". Filfatt, l-Artikolu 22(2A) tal-Att Dwar l-Estradizzjoni jistipula illi minkejja li dokument ma jkunx "awtentikat kif imiss" skont kif imsemmi fl-artikoli 22(1) jew (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, il-Qorti xorta tista' tirċievi bħala prova dokument li jkun "awtentikat kif imiss" skont is-subartikoli (2B) jew (2Ċ) tal-istess Artikolu 22, liema subartikoli jistipolaw:-

> *"(**2B**) F'kull proċediment taħt jew għal finijiet ta' dan l-Att, dokument maħruġ fil-pajjiż li jagħmel it-talba jista' wkoll jitqiegħed bħala prova f'xi proċedimenti taħt dan l-Att jekk ikun awtentikat kif imiss skont is-subartikolu (2Ċ).*
>
> *(**2Ċ**) Dokument jitqies li jkun awtentikat kif imiss jekk (u biss jekk) waħda minn dawn tkun tapplika-*
>
> > *(a) id-dokument ikun juri li hu iffirmat minn imħallef, maġistrat jew uffiċjal tal-pajjiż li jagħmel it-talba; jew*
> >
> > *(b) id-dokument ikun juri li hu ċċertifikat, kemm b'siġill jew b'mod ieħor, mill-Ministeru, dipartiment jew awtorità oħra responsabbli għall-ġustizzja jew għall-affarijiet barranin tal-pajjiż li jagħmel it-talba; jew*
> >
> > *(ċ) id-dokument ikun juri li hu awtentikat bil-ġurament, dikjarazzjoni jew affirmazzjoni ta' xhud."*

Illi minn dan jirrizulta li l-provi dokumentarji prodotti minn xi waħda mill-partijiet iridu neċessarjament jissodisfaw l-eżami ta' dokument li jkun "awtentikat kif imiss" sabiex ikun ammissibbli. Illi di più, l-Artikolu 22(4) tal-Att, jistipula wkoll li l-kondizzjonijiet stipulati f'dak l-Artikolu 22, m'għandhomx iżommu l-intromissjoni ta' provi oħra li huma wkoll ammissibbli b'mod ieħor skont il-liġi.

Ikkunsidrat;

Illi minn eżami tal-*iter* proċesswali, jidher ċar li l-prosekuzzjoni kienet pjuttost laxka bil-mod kif ressqet il-provi tagħha. Fiflatt, jirriżulta li fit-8 ta' Frar 2024, il-prosekuzzjoni ressqet lill-Daniel-Joe Meli taħt arrest quddiem il-Qorti u hemmhekk eżebiet, mingħajr ġurament, sett ta' dokumenti. Stante li dawn il-proċeduri reġgħu nbdew mill-ġdid fid-19 ta' Novembru 2024, din il-Qorti ddiferiet is-smiegħ tal-kawża għall-25 ta' Novembru 2024 biex il-prosekuzzjoni tibda tressaq il-provi tagħha iżda waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2024, il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellha xejn aktar xi żżid mal-provi minnha diġà preżentati[11] salv kwalunkwe talba li tista' ssir da parti tad-difiża.

Illi filfatt, b'nota datata 16 ta' Jannar 2025,[12] fuq talba magħmula mid-difiża nhar is-06 ta' Jannar 2025, il-prosekuzzjoni ppreżentat korrispondenza li rċeviet mill-Awtoritajiet Amerikani fejn fiha ddikjarat li l-awtentiċità tad-dokumenti ppreżentati mill-persuna rikjesta bħala DM1 sa DM 6 jidhru awtentiċi filwaqt li għadha qed tistenna aktar informazzjoni mill-Awtoritajiet Amerikani fir-rigward ta' l-awtentiċità ta' Dok DM 7 sa DM 36.[13] Illi l-informazzjoni addizzjonali fir-rigward ta' dawn id-dokumenti baqgħat qatt ma ġiet ippreżentata f'dawn il-proċeduri mill-prosekuzzjoni.

Illi d-difiża ressqet il-provi tagħha fuq medda ta' sitt seduti u fil-11 ta' Frar 2025, il-prosekuzzjoni ssottomettiet l-osservazzjonijiet finali tagħha, filwaqt li l-Persuna Rikjesta issottomettiet l-osservazzjonijiet tagħha nhar l-24 ta' Frar 2025.

Illi kien biss fis-6 ta' Marzu 2025, ossija wara li l-persuna rikjesta ssottomettiet in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, li l-prosekuzzjoni għamlet rikors sabiex il-Qorti terġa' tiftaħ il-provi mill-ġdid tagħha u b'Digriet mogħti

[11] Dawk eżebiti fis-seduta tat-08 ta' Frar 2024, ossija qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXXV tal-2024.
[12] A fol. 603 tal-atti proċesswali.
[13] Ara n-nota ppreżentata nhar is-27 ta' Diċembru 2024 fejn magħha hemm annessi minn dok DM1 – DM6 (a fol. 276 et seq), in-nota ppreżentata wkoll fis-27 ta' Diċembru 2024 fejn magħha hemm annessi minn dok DM7 – DM13 (a fol. 405 et seq) u n-nota preżentata nhar it-30 ta' Diċembru fejn hemm annessa *USB stick* kontenenti minn dok DM14 - DM36 (a fol. 534);

nhar it-12 ta' Marzu 2025 li l-Qorti laqgħet tali talba. Filfatt, il-prosekuzzjoni ressqet żewġ xhieda waqt is-seduta tas-17 ta' Marzu 2025 li ppreżentaw xi provi addizzjonali. Wħud minn dawn il-provi addizzjonali, madanakollu, ma ġewx imressqa skont ir-rit proċesswali u għalhekk b'digriet datat l-24 ta' Marzu 2025, il-Qorti ordnat l-isfilz tagħhom.

Illi għalhekk, il-provi tal-prosekuzzjoni li jinsabu fl-atti in sostenn għat-talba ta' estradizzjoni huma:

i. *Diplomatic Note* No. 20/2024 datata 22 ta' Jannar 2024;[14]

ii. *Diplomatic Note* No. 68/2025 datata 7 ta' Marzu 2025;[15]

iii. Ċertifikat maħruġ minn *United States Department of Justice* nhar id-9 ta' Jannar 2024 li jattesta li Janice Traver hija impjegata fi ħdan l-*Office of International Affairs, Criminal Division, U.S*.;[16]

iv. Ċertifikat ta' Janice Traver li tattesta li l-affidavit anness maċ-ċertifikat huwa tal-*Assistant United States Attorney* Michael Herskowitz, kif ikkonfermat bil-ġurament quddiem l-*Onor Christopher C. Bly, United States District Judge for the United States District Court of Northern District of Georgia* nhar l-4 ta' Jannar 2024;[17]

v. L-Affidavit ta' Michael Herskowitz flimkien mad-dokumenti annessi miegħu;[18]

vi. Mandat ta' Arrest maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati nhar is-6 ta' Frar 2024.[19]

Illi minn eżami ta' dawn id-dokumenti jirriżulta mal-ewwel illi bl-eċċezzjoni tad-*Diplomatic Note* No. 20/2024 (Nru (i) hawn fuq), id-*Diplomatic Note*

[14] A fol. 1234 u fol 10 tal-atti proċesswali.
[15] A fol. 1233 tal-atti proċesswali.
[16] A fol. 13 tal-atti proċesswali.
[17] A fol. 14 tal-atti proċesswali.
[18] A fol. 15 tal-atti proċesswali.
[19] A fol. 57 tal-atti proċesswali.

No 68/2025 (Nru (ii) hawn fuq) u l-Mandat ta' Arrest (Nru (vi) hawn fuq), id-dokumenti rimanenti ppreżentati mill-prosekuzzjoni (jiġifieri minn nru (iii) sa nru (v) hawn fuq) huma kollha fotokopji u ma ġewx ippreżentati bil-ġurament.

Ikkonsidrat;

Illi d-deskrizzjoni tal-fatti kif allegati mill-Awtoritajiet tal-Istati Uniti fil-konfront tal-Persuna Rikjesta huma riportati f'dokument imsejjaħ "*Affidavit in Support of Request for Extradition*"[20] redatt minn Michael Herskowitz u li miegħu hemm annessi: (i) l-att ta' akkuża miġjub quddiem il-Qrati Amerikanti u datat it-12 ta' Diċembru 2023,[21] (ii) il-Mandat ta' Arrest maħruġ mill-Awtoritajiet Amerikani u datat it-13 ta' Diċembru 2025,[22] (iii) il-ligijiet Amerikani relevanti[23] u (iv) affidavit tal-aġent speċjali Jared Sikorsi.[24] Illi f'dawn id-dokumenti, l-awtoritajiet Amerikani jagħtu l-verżjoni tagħhom tal-fatti wara dan il-każ u tar-raġunijiet għalfejn saret it-talba tagħhom. Huma jiddikjaraw liema huma dawk ir-reati li tagħhom jista' jinstab ħati il-Persuna Rikjesta u l-allegat involviment tiegħu fir-reati msemmija.

Illi kif diġà msemmi aktar 'l fuq f'din is-sentenza, il-livell ta' prova li l-prosekuzzjoni trid tirrispetta huwa dak dettatt mir-rit proċesswali nostran. Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **The Police vs Svetozar Abramovic**[25] fejn ġie ritenut illi:-

> *"This Court has already has* [sic!] *occasion to state that proceedings before it are somewhat similar to those before a Court of Inquiry and is bound by the same rules of procedure. The standard of evidence before the Court of Inquiry should besufficient to show a "prima facie" case against the accused in which case he is sent for*

[20] A fol. 15 tal-atti proċesswali.
[21] A fol. 30 tal-atti proċesswali.
[22] A fol. 47 tal-atti proċesswali.
[23] A fol. 48 tal-atti proċesswali.
[24] A fol. 51 tal-atti proċesswali.
[25] **The Police vs Svetozar Abramovic**, Qorti tal-Appell Kriminali, 30 ta' Lulju 1993, (Appell Nru. 73/93)

> *trial before the Competent Court. The Court of Criminal Inquiry would not enter into the merits of the case as such, as this would be preempting the jurisdiction of the Court of Criminal Jurisdiction which alone has the powers to pronounce on the guilt or innocence of the person charged before **it.***
>
> *The Court of Committal, therefore, bound by the same laws will also adopt, the same intention and if it is satisfied that there is a "prima facie" case to answer, then it should order committal to custody."*

Illi kif diġà aċċennat hawn aktar 'l fuq, din il-Qorti għandha l-istess funzjoni u poteri, sa fejn possibbli, tal-Qorti Istruttorja u għalhekk il-grad tal-prova mressaq quddiemha huwa wieħed li għandu jwassal lill-Qorti Istruttorja għal digriet erogat abbażi ta' provi fuq livell ta' *prima facie*. Aktar minn hekk, il-prinċipji regolatorji li jirregolaw il-preżentazzjoni u l-ammissibilità tal-provi huma tal-istess livell rikjest quddiem il-Qorti Istruttorja, ossija li l-prosekuzzjoni trid tirrispetta il-"*best evidence rule*" u anke ż-żomm ininterrotta l-katina tal-provi.

Illi f'dan il-każ, il-provi dokumentarji li qed tistrieħ fuqhom il-prosekuzzjoni, senjatament l-"*Affidavit in Support of Request for Extradition"* u d-dokumenti annessi miegħu, ġew ippreżentati f'dawn il-proċeduri mill-prosekuzzjoni <u>mingħajr</u> ġurament. Illi stranament, minkejja li l-prosekuzzjoni ressqet rappreżentat tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin li ppreżentat bil-ġurament tagħha ż-żewġ "Diplomatic Notes" msemmija hawn fuq, ma ntalbitx tippreżenta d-dokumenti li jakkumpanjawhom u ndikati fid-*Diplomatic Note* No. 20/2024 datata 22 ta' Jannar 2024. Illi l-Qorti tista' biss tassumi li dawn id-dokumenti huwa l-"*Affidavit in Support of Request for Extradition"* u d-dokumenti annessi miegħu, però dan m'huwiex ikkonfermat minn ebda xhud tal-prosekuzzjoni.

Illi kif diġà msemmi hawn aktar 'l fuq, l-Artikolu 22 tal-Att dwar l-Estradizzjoni jistipula modi diversi ta' kif dokument jista' jitqies li huwa

"*awtentikat kif imiss*". Illi f'dawn il-proċeduri l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda persuna biex tawtentika d-dokumenti "bil-ġurament ta xhud" u dawn id-dokumenti lanqas ma għandhom "is-siġill uffiċjali ta' Ministru fil-pajjiż jew tal-pajjiż li għamel it-talba".

Għalhekk dawn id-dokumenti ma jistgħux jintlaqgħu minn din il-Qorti bħala prova taħt l-Artikoli 22(1) jew (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi fis-sottomissjonijiet orali, il-prosekuzzjoni tgħid li dawn l-affidavits huma ffirmati minn imħallef, maġistrat jew uffiċjal tal-pajjiż li għamel it-talba, u juru xiehda mogħtija taħt ġurament fl-Istati Uniti u għalhekk huma dokumenti "awtentikati kif imiss" skont l-Artikolu 22(2Ċ)(a) tal-Att Dwar l-Estradizzjoni. Illi l-aħħar faċċata kemm tal-affidavit ta' Michael Herskowitz[26] kif ukoll ta' Jared Sikorsi[27] jindikaw li dawn huma ffirmati minn Christopher C. Bly, però l-firma tiegħu fuq dawk id-dokumenti qed isservi biss sabiex tikkonferma li l-kontenut rispettiv tagħhom ġie kkonfermat bil-ġurament mill-awturi quddiemu u mhux firma li qed tawtentika tali dokument kif irid l-Artikolu 22(2Ċ)(a) tal-Att dwar l-Estradizzjoni. Illi di più, dawn l-aħħar żewġ faċċati huma sempliċiment fotokopja ta' dak li jidher li huma l-affidavits oriġinali. Illi għalhekk, il-Qorti ma tistax tqis li tali firma tal-maġistrat jew Imħallef hemm indikat qed isservi biex tawtentika kif imiss tali dokument.

Illi min-naħa l-oħra, anke jekk stess il-Qorti kellha momentarjament taċċetta illi tali firma tista' tlaħħaq żewġ għanijiet, il-katina tal-provi inkisret bil-fatt li tali affidavits ma ġewx ippreżentati bil-ġurament ta min irċeviehom mill-Awtoritajiet Amerikani u beda jipproċesshom skont il-proċedura dettata mill-Att dwar l-Estradizzjoni. Tali preżentazzjoni bil-ġurament issib

[26] A fol. 27 tal-atti proċesswali.
[27] A fol. 55 tal-atti proċesswali.

l-importanza tagħha fid-dispożizzjoni tal-Artikolu 22(2D) tal-Att dwar l-Estradizzjoni u dan għaliex din il-Qorti teħtieġ isserraħ rasha li l-kopja ppreżentata fl-atti ġiet trażmessa lill-prosekuzzjoni b'metodu assigurat li kapaċi jipproduċi *records* bil-miktub u taħt kondizzjonijiet li jippermettu l-aċċertament tal-awtentiċità tal-kopja ppreżentata fl-atti.

Illi għalhekk, il-Qorti qed issib li l-affidavits msemmija ma jistgħux jitqiesu li huma "awtentikati kif imiss" a tenur tal-Artikolu 22 tal-Att dwar l-Estradizzjoni u li l-katina tal-provi baqgħet miksura da parti mill-prosekuzzjoni.

Illi għalhekk il-Qorti qed issib li l-"*Affidavit in Support of Request for Extradition"* u d-dokumenti annessi miegħu huma dokumenti inamissbbli. Illi minn eżami tal-atti tal-proċeduri il-Qorti ssib li l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova oħra li tista' twassalha għall-konvinċiment li, fuq bażi *prima facie*, għandha tordna li l-Persuna Rikjesta tinżamm taħt kustodja sakemm titreġġa lura' lejn l-Istati Uniti.

**Deċide:**

Għaldaqstant, abbażi ta' dak kollu espost hawn fuq, il-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni **ma rnexxilhiex** tipprova t-talba tagħha għall-estradizzjoni ta' Daniel-Joe Meli fuq bażi *prima facie* u għalhekk il-Qorti m'hijiex sodisfatta li Daniel-Joe Meli għandu jintbagħat taħt kustodja għall-fini tat-treġġigħ lura tiegħu lejn l-Istati Uniti taħt l-Artikolu 15 tal-Att Dwar l-Estradizzjoni, Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta.

Konsegwentement, il-Qorti qed **<u>tiċħad it-talba</u>** tal-prosekuzzjoni għall-estradizzjoni ta' Daniel-Joe Meli lejn l-Istati Uniti tal-Amerika u konsegwentement qed teħilsu mill-kustodja.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**